**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 241/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Patrick Spiteri)**

**Vs**

**CARMELO MIZZI**

**Illum, 12 ta'Dicembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmelo Mizzi li, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, gie akkuzat talli bhala l-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, skond l-Att tal-1998 Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u r-Regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, (**1**) nhar il-15 ta'Ottubru, 1999, ghal habta tas-7.05 p.m., fil-hanut SGS Confectionery, Misrah Lewza, San Gwann, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax l-Iskeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'provvista, skond l-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII tal-1998, kif ukoll talli (**2**) fil-15 ta'Ottubru, 1999, u fi zmien li jigi qabel din id-data, fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jzomm kopji tar-ricevuti mahruga skond l-Erbatax l-Iskeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 DwarTaxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partita 1(g) tat-Tnax l-Iskeda li tinsab ma' l-istess Att u l-Artikolu 76 (b) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 26 ta'Ottubru, 2000, li biha Carmelo Mizzi gie misjub hati ta' dawn iz-zewg akkuzi, u gie kundannat Lm200 Multa fuq l-ewwel akkuza w Lm150 Multa fuq it-tieni akkuza.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmelo Mizzi datat 6 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li ttressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda ta'revizjoni, fis-sens li trid tara jekk in bazi tal-provi li hemm f'dawn il-proceduri, setghetx l-ewwel Qorti legalment u ragjonevolment tasal sabiex tikkonkludi kif fil-fatt ikkonkludiet.

Hu propju ghalhekk li din il-Qorti semghet lix-xhieda kollha mill-gdid taht gurament. Issa minn dak li setghet tikkonstata, hi ma sabet ebda raguni l-ghaliex ghandha tindahal fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti u/jew li tvarja b'xi mod xi haga minn dak li kkonkludiet dik il-Qorti kemm ghal dak li jirrigwarda l-meritu kif ukoll il-piena nflitta minnha.

L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb, fis-sens li in bazi tal-provi li hemm f'dan il-kaz, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant.

Barra minn hekk, ir-raguni li qed iressaq l-appellant li hu kien 'in buona fede', u li ma kienx umanament possibbli ghalih li jikkontrolla s-sitwazzjoni, m'ghandha ebda validita' legalment. Il-ligi hi ferm cara. L-appellant hu l-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u hu, bhala tali, jibqa' kriminalment responsabbli ghan-nuqqas bhal dak li hu akkuzat bih anke jekk dan in-nuqqas sar minn xi impjegat tieghu jew minn xi persuna ohra li kienet qed tissostitwih fil-hanut ghal xi zmien.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-appell ta'Carmelo Mizzi w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Dep.Registratur